VICTIM SUPPORT AGENCY

# POST TA' CASE OFFICER I (SAPPORT EMOZZJONALI)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu ukoll il-femminil.

Permess ta' Jobplus Nru. 268/2023

1. Il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità qiegħed jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' **Case Officer I (Sapport Emozzjonali)**

2. **Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Il-persuna magħżula se tkun ingaġġata fuq bażi indefinita bħala Case Officer I (Sapport Emozzjonali) fl- Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità.

2.2 Din il-ħatra hija suġġetta għall- perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Is-salarju għall-post ta' Case Officer I (Sapport Emozzjonali) huwa ekwivalenti għal Grad 5, jiġifieri €25,675 (ħamsa u għoxrin elf, sitt mija u ħamsa u sebgħin) fis-sena, li jiżdied b'żieda annwali ta' €1142 (elf, mija tnejn u erbgħin) u inkrement ta' €447 (erba' mija sebgħa u erbgħin) sa massimu ta' €28,357 (tmienja u għoxrin elf, tliet mija u sebgħa u ħamsin).

2.4 Case Officer I (Sapport Emozzjonali) għandu jiġi promoss għal Case Officer II (Sapport Emozzjonali), ekwivalenti għal Grad 4, mal-konferma tal-ħatra u l-kisba ta' kwalifika MQF Livell 7 jew ogħla minn Università jew Istituzzjoni rikonoxxuta, u l-kisba ta' warrant reġistrat maħruġ minn il-korp regolatorju kompetenti.

**3. Dmirijiet u Responsabbiltajiet:**

3.1 Il-kandidat magħżul huwa mistenni li jżomm integrità u kunfidenzjalità stretta fl-aspetti kollha tax-xogħol tal-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalita, u d-dmirijiet tal- Case Officer I (Sapport Emozzjonali) għandhom jinkludu:

a. Tassisti lil unita tas-servizzi fi ħdan l-Aġenzija sabiex jassessjaw l-utent tas-servizz fuq bażi individwali sabiex ikunu assigurati l-bżonnijiet u s-servizzi meħtieġa.
b. Tirraporta lis-superjur rispettiv dwar l-andament tax-xogħol b'kollaborazzjoni ma' professjonisti oħra.
c. Tikkordina proġetti ta' riċerka u tevalwa il-kontribut tagħhom, kif ukoll tassisti f'inċentivi u eżerċizzji fl-iżvilupp tal-politika.
d. Tipprovdi sapport emozzjonali.
e. Tassigura li l-każijiet u n-noti tagħhom jinżammu aġġornati fis-sistema elettronika tal-immaniġjar tad-data.
f. Tikkolabora ma' entitajiet oħra u servizzi rispettivi meta jkun hemm bżonn.
g. Tanallizza strateġiji u politika nazzjonali bi skop li jiġu żvillupati metodi ġodda kif jitejjeb is-servizz.

h. Takkumpanja lil utenti tas-servizz waqt li tingħata xhieda fil-Qrati bħala sapport emozzjonali kif u meta hemm bżonn.
i. Tipparteċipa f'taħriġ u laqgħat organizzati lokalment kif ukoll barra minn Malta.
j. Twettaq kwalunkwe dmir ieħor skont l-esiġenzi tal-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità taħt d-direzzjoni tal-Kap Eżekuttiv.

**4. Kwalifiki:**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikantIi għandhom ikunu:

(i) Kapaċi jikkomunika bil-Malti u l-Ilsien Ingliż;

U

(ii) Fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fl-Livell 6 tal-MQF fil-Psikoloġija jew Social Work jew kwalifika relevanti fil-Psikosoċjal.

U

(iii) Fil-pussess ta' ċertifikat nadif ta' Kondotta tal-Pulizija riċenti u validu.

Barra minn hekk, il-kandidati li għadhom ma kisbux formalment xi waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta se jiġu kkunsidrati, sakemm jissottomettu evidenza li jkunu ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki in kwistjoni, jew temmew b'suċċess il-krediti ECTS/ECVETS meħtieġa, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla ta' MQF rikonoxxut, kif meħtieġ fil-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

**5. Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni ta' sostenn**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza mitluba għandhom ikunu sostnuti minn ċertifikati u/jew testimonjanzi, li kopji tagħhom għandhom jiġu skennjati u mibgħuta permezz ta' email.

5.2 Ċertifikati oriġinali u/jew testimonjanzi għandhom dejjem jiġu prodotti għall-verifika waqt l-intervista.

**6. Proċedura tal-għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu evalwati minn Bord tal-Għażla biex jiġi determinat l-adattabilità tagħhom għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka tal-pass hija 50%.

**7. Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet**

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza mitluba għandhom ikunu sostnuti minn ċertifikati u/jew testimonjanzi, li kopji skannjati tagħhom għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni. Ċertifikati oriġinali li għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervisti.

7.2 L-applikazzjonijiet, flimkien ma' curriculum vitae li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu għand l-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalita (Attn: CEO) f'52, Triq it-Teatru l-Antik, Valletta, sa mhux aktar

tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 28 t’April 2023. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu wkoll bl-email permezz ta’ vsa-hr@gov.mt sal-ħin u d-data tal-għeluq imsemmija ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.